IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 53-2018(26_06_18)**

**26 ta' Ġunju 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier daħal fil-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

53.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

53.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 52-2018(30_05_18) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**53.3 *Co-option* ta' membru tal-Kunsill**

53.3.1 Billi, wara r-riżenja tas-Sinjura Carmen Said minn kunsillier f'isem il-Partit Laburista mill-Kunsill Lokali Il-Munxar, ma ġie elett l-ebda kandidat f'elezzjoni każwali, il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Partit Laburista fejn formalment qed jitlob sabiex jiġi *co-opted* is-Sur Joseph Cauchi ID:30670(G) li joqgħod 'Valley', Triq iċ-Ċangar, Victoria.

Is-Sa Sonja Abela pproponiet u s-Sinjura Juliet Rose Attard issekondat. Is-Sur Paul Curmi xtaq jgħaddi kumment dwar dan. Fl-opinjoni tiegħu kien jixraq li l-persuna li tiġi *co-opted* tkun persuna mill-Munxar u għal din ir-raġuni huwa qed jastieni.
Preżenti fil-laqgħa kien hemm Dr Renata Farrugia, Kummissarju għall-Ġustizzja. Is-Sur Joseph Cauchi ħa l-ġurament u dan ġie kkonfermat minn Dr Renata Farrugia.

**53.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

53.4.1 Fir-rapport tagħha, is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għadu kemm ġie assenjat ħaddiem ġdid mal-Kunsill, mill-Community Workers Scheme Enterprise Foundation, u dan intbagħat jagħmel xogħol fi Ġnien Ragalna u xogħlijiet ta' manutenzjoni u tindif.

Hija infurmat ukoll illi fix-Xlendi saret il-ġabra *extra* tal-borża s-sewda (skart imħallat), imħallsa mill-Ministeru għal Għawdex, nhar it-Tlieta 19 u 26 ta' Ġunju 2018 u l-Ħadd 24 ta' Ġunju 2018 li mbagħad mill-4 ta' Lulju 2018 ser tibda ssir kuljum. Minħabba f'hekk, intbagħat *flyer* fix-Xlendi u ieħor fil-Munxar bl-iskeda tal-ġbir ta' skart rispettivi. L-iskeda tal-ġbir ta' skart fix-Xlendi ntbagħtet ukoll bil-lingwa Għarbija.

Is-Sindku rrappurtat illi kienet preżenti għaż-żjara li saret fit-Torri tax-Xlendi dwar il-proġett tar-restawr tiegħu. Preżenti wkoll kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Giovanni Zammit minn Wirt Għawdex, il-perit u l-inġinier.

Is-Sindku rrappurtat ukoll illi kienet saret il-ħarġa bil-*Calypso Trains* nhar it-Tlieta, 19 ta' Ġunju 2018 u l-attendenza kienet tajba ħafna. Ser issir ħarġa għal Malta fl-24 ta' Lulju 2018 fejn il-*group* imur mal-vapur tat-8.15 ta' filgħodu u jiġi lura mal-vapur tal-5.15 ta' filgħaxija.

Is-Sindku elenkat lista ta' xogħlijiet li kienu saru fil-lokalità u oħrajn li għadhom għaddejjin.
Fix-Xlendi kien tlesta x-xogħol ta' żebgħa tar-*railings* u nżebgħu sofor bħalma kienu dawk is-sinjali mal-art ħdejn l-Għassa tal-Pulizija li xi persuni kienu żebgħu suwed filwaqt li qed jinżebgħu l-kurduni u l-ħitan ta' fejn il-*boatyard*. Fix-Xlendi wkoll qed titranġa l-bankina ta' Triq il-Puniċi kantuniera ma' Triq il-Qsajjem, tneħħew żewġ arbli minn fuq il-bankina minħabba li kienet saret talba minn sidien ta' ristoranti, tranġaw il-ħsarat fid-dawl li kien hemm fit-telgħa ta' Triq San Xmun quddiem il-lukanda, saret is-*swimming zone,* twaħħal is-sellum li kien waqa' fil-baħar, sar tentattiv sabiex jitneħħew il-papri iżda dawn għadhom hemm peress li ma setgħux jinqabdu. Qed nistennew li jerġa' jitpoġġa l-*bring-in-site* li ser ikun fih sitt *bins* flok erbgħa.

**53.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

53.5.1 Is-Sinjura Juliet Rose Attard reġgħet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li qed jinħass il-bżonn li fil-Munxar il-borża s-sewda tibda tinġabar kull nhar ta' Sibt anke jekk għax-xhur tas-sajf biss. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-ġabra tal-borża s-sewda fil-Munxar issir anke s-Sibt għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2018.

53.5.2 Is-Sur Paul Curmi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li l-ilma tal-*main* ta' Triq il-Munxar qed ikun kollu sadid. Qed dejjem tinħass il-ħtieġa li dan il-*main* jinbidel. Semma wkoll li parti minn Triq il-Munxar qed tkun mitfija billejl. Huwa rċieva lment dwar is-siġar tal-Fikus li hemm fil-*boatyard* tax-Xlendi. Semma l-asfaltar ta' dik il-parti ta' Triq iż-Żirżieb li ma hijiex asfaltata. Il-Kunsill ilu li talab sabiex il-*main* tal-ilma ta' Triq il-Munxar jinbidel u tinkesa mill-ġdid; dwar id-dawl tal-istess triq, dan ġie rrapportat. L-ERA ma tatx permess sabiex is-siġar tal-Fikus jinżabru. Is-Sindku ser tiċċekkja dwar Triq iż-Żirżieb.

**53.6 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

53.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar tliet kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu l-*Emergency Lights* fil-Mitħna tax-Xlendi. Dawn kienu mingħand:
- X-treme Technologies
- M&E Contractor
- George Schembri

Ġie deċiż li l-Kunsill jagħżel lil George Schembri għall-prezz ta' €1,301.59 VAT inkluża, minħabba li kienet l-orħos offerta.
Kien hemm qbil unanimu.

53.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għaddej bil-proċess li jiġbor stimi għal *CCTV*, *intrusion* u *fire alarm* li hemm bżonn li jsiru fl-uffiċċju tal-Kunsill. Sa issa qatt ma kien hemm *fire alarm*, u s-*CCTV* u l-*intrusion* huma antikwati. Il-ħtieġa ta' *fire alarm* qed aktar tinħass peress li l-*basement* tal-binja jintuża mill-Pulizija u jpoġġu l-vetturi tagħhom u anke xi vetturi li jkunu miżmuma mill-Pulizija.

53.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv attenda għall-*business breakfast* organizzat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġie spjegat il-proċess il-ġdid dwar Ko-finanzjament tal-proġetti tal-Unjoni Ewropea. Dan il-fond kien imwaqqaf mill-Gvern sabiex itaffi mill-piż finanzjarju konsiderevoli li proġetti ta' fejda għal komunità ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea kien qed ikollhom fuq l-entitajiet li jimplimentawhom. Il-Kunsill ġie mgħarraf li r-rata ta' għajnuna għal ko-finanzjament minn tali fond ser togħla minn 85% għal 90% u t-*threshold* ser togħla minn €50,000 għal €100,000.

53.6.4 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident mil-lokalità dwar il-fatt li meta ssemma l-azzjoni li ħa l-Kunsill fir-rigward tal-ilment tiegħu, ismu ssemma fil-Minuti. Din il-persuna qed titlob li ismu jitneħħa mill-Minuti tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jitlob direzzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-ħin kien is-6.30 ta' filgħaxija u s-Sur Damien Spiteri wasal fil-laqgħa.

**53.7 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

53.7.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/7/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (*General Data Protection Regulation*)'.

53.7.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru SPI/8/2018 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2018'.

53.7.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru DĠ/K/01/2018 mingħand id-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Termini u Kundizzjonijiet ġodda tal-Fond ta' Ko-Finanzjament'.

53.7.4 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali rigward 'Elezzjoni Każwali'. Huwa qed jinforma lill-Kunsill li l-Kummissjoni Elettorali tat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li ser issir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier. Huwa informa wkoll illi l-Kummissjoni Elettorali ma rċeviet l-ebda nomina u, għalhekk, skont ir-regolament 92(1) tat-Tielet Skeda, il-post battal jiġi mimli bil-għażla ta' Kunsillier skont is-subartiklu (4) tal-artikolu 8 tal-istess Att.

53.7.5 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttorat għall-Kultura fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali rigward '2018 European Year of Cultural Heritage – Our heritage: when the past meets the future – Apply for the Logo'. Huma qed iħabbru illi esibizzjonijiet, proġetti u *events* relatati mal-kultura jistgħu jirċievu l-*EYCH logo* u għaldaqstant jirċievu aktar pubbliċità fuq livell nazzjonali u Ewropew. L-inizjattivi huma eleġibbli sabiex jużaw il-*Year's label* tas-sena jekk isiru bejn is-7 ta' Diċembru 2017 u l-31 ta' Diċembru 2018.

53.7.6 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali fejn qed jinforma illi s-sejħa għall-fond taħt il-'Connecting Europe Facility – Telecom – WiFi4EU - Free Wifi for Europeans' hija miftuħa. Dawk li japplikaw jistgħu jieħdu sa €15,000 biex jinstallaw *Wi-Fi hot spot* fi żmien sena u nofs minn mindu jingħataw dawn il-fondi. L-attivitajiet inklużi taħt dan il-programm jinkludu *Wi-Fi network* ġdid, it-tisħiħ ta' *Wi-Fi network* eżistenti u l-estensjoni ta' *Wi-Fi network* eżistenti.

53.7.7 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/062 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Stedina – Tfassil tal-Politika Nazzjonali tal-Kultura 2020-2025'. Id-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali beda sensiela ta' laqgħat pubbliċi bi tħejjija għat-tfassil tal-Politika Nazzjonali tal-Kultura 2020-2025. Għaldaqstant, ser issir laqgħa li għandha tkun ta' interess għall-Kunsilli Lokali bit-tema 'Żvilupp Kulturali Reġjonali f'Malta u f'Għawdex' fis-16 ta' Ġunju 2018 fil-Ministeru għal Għawdex.

53.7.8 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-HSBC Bank Malta plc rigward 'The General Data Protection Directive (GDPR)'. Dan il-bank irid jagħmilha aktar faċli lill-Kunsill sabiex isir jaf kif huwa jiġbor, juża u jipproteġi l-informazzjoni u għalhekk sar *update* tal-*Privacy Notice* tiegħu li tapplika għal kif il-bank juża d-data personali in konnessjoni mal-kuntratt ta' kera eżistenti tal-*kiosk* fi Pjazza l-Anfori fix-Xlendi u bagħat kopja ta' din il-*Privacy Notice updated*.

53.7.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairperson of the Executive Council* tal-Awtorità tal-Ippjanar rigward 'Introducing the new contribution system'. Huwa tkellem dwar il-flus li jinġabru minn żviluppaturi li ma jipprovdux *parking on-site* fejn permezz tas-sistema l-ġdida 70% tal-flus ser imorru fil-*locality-based* Development Planning Fund u 30% fil-Green Transport Fund (IGTF) sabiex imbagħad l-Awtorità tagħżel l-aħjar proġetti għall-*funding*. L-Awtorità qiegħda wkoll tintroduċi mekkaniżmu li jippermetti applikanti sabiex jitolbu *refund* mill-*on-street parking contribution* li jkunu għamlu.

53.7.10 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 7, tad-19 t'April 2018.

53.7.11 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/072 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Dokument – L-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru'. Anness kien hemm rapport li l-Assoċjazzjoni ħejjiet fuq dan ir-rigward u ser tkun qed tilqa' reġistazzjonijiet ta' dawk il-Kunsilli li jixtiequ jissieħbu f'din l-inizjattiva biex flimkien dejjem nimxu 'l quddiem għal ambjent aħjar.

53.7.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Planning Authority fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-bilanċ ta' fondi disponibbli fir-rigward tad-Development Planning Funds għall-Kunsill Lokali Il-Munxar sal-bidu ta' April 2018 huwa Il-Munxar - €64,616.04 u Ix-Xlendi - €130,372.59.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

53.7.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qiegħda tikteb rigward il-possibbiltà li jkun hemm *return bus* mill-anqas darbtejn kuljum, f'nofsinhar u fis-7 ta' filgħaxija, mix-Xlendi għall-Munxar matul ix-xhur tas-sajf. Dan inaqqas il-konġestjoni tal-*parking* u tat-traffiku fix-Xlendi u huwa ideali għall-familji, tfal, anzjani u dawk li jixtiequ jnaqqsu t-tniġġis tal-ambjent billi jużaw it-trasport pubbliku. Filwaqt li tifhem li hemm *issues* ta' *logistics* u spejjeż, hija taħseb li peress li diġà hemm rotta Victoria-Ix-Xlendi via Fontana u viċe-versa tista' ssir xi ħaġa li tindirizza l-*areas* tal-Munxar, Ta' Sannat u Taċ-Ċawla.
Il-Kunsill ser jagħmel talba lil Transport Malta.

53.7.14 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isir *double yellow line* ħdejn l-entratura ta' *garage* ta' binja fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi sabiex ma jipparkjawx vetturi hemmhekk minħabba li bl-ipparkjar ma jkunux jistgħu jidħlu fil-*garage*.
Il-Kunsill ser japplika ma' Transport Malta.

53.7.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta fi Triq il-Kappar, Ix-Xlendi minħabba li xi nies qed imorru jħallu ż-żibel tagħhom f'din it-triq u dan wara li l-Kunsill diġà kien irċieva lmenti qabel u waħħal tabella. Ilmentat ukoll illi meta jiftaħ in-*nightclub* fil-viċin, din it-triq timtela bil-vetturi pparkjati, storbju u żibel tant li r-residenti spiċċaw inaddfuh huma l-ħmieġ ta' din it-triq. Hija semmiet ukoll li filwaqt li r-residenti ta' din it-triq inaddfu l-ħmieġ tal-klieb tagħhom meta dawn iħammġu barra, hemm xi nies li dan ma jagħmluhx. Dan qed iwassal għal żieda ta' insetti, trab, etċ. li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem. Hija qiegħda titlob lill-Kunsill sabiex jieħu azzjoni sabiex din is-sitwazzjoni titranġa.
Il-Kunsill ser ipoġġi *bin* apposta għall-ħmieġ tal-klieb f'din it-triq.

53.7.16 Il-Kunsill irċieva talba sabiex bankina fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi tiġi rampa anke quddiem il-bieb tal-*garage* biss minħabba li hemm persuna residenti hemm li tuża s-siġġu tar-roti. Qiegħda tintalab ukoll sabiex issir kaxxa safra għall-parkeġġ ta' persuni b'diżabilità.
Il-Kunsill applika sabiex il-bankina ssir rampa u ser japplika għall-kaxxa safra għall-parkeġġ ta' persuni b'diżabilità.

Il-ħin kien is-7.00 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

53.7.17 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/075 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Malta Textil Recycling'. Din il-kumpanija wriet interess li tibda tiġbor materjal fabbriku li m'għadux tajjeb għall-użu, minn wara l-bieb tar-residenti. Dan is-servizz ser ikun kompletament bla ħlas. L-Assoċjazzjoni bagħtet aktar tagħrif dwar din l-inizjattiva u l-Kunsill qed jiġi mħajjar sabiex jipparteċipa.
Ġie deċiż li l-Kunsill ser jieħu sehem.

53.7.18 Il-Kunsill ressaq talba lill-ERA sabiex isir żbir tas-siġar tal-Fikus li hemm fil-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar minħabba li dawn qed iħammġu l-parapetti u galleriji tal-postijiet viċin u b'hekk qed jinstaddu l-katusi kif ukoll qed iġibu n-nemus u insetti oħra.
Il-Kunsill irċieva r-risposta tal-ERA fejn il-Kunsill ġie infurmat li dawn is-siġar ma humiex protetti taħt ir-regolamenti dwar il-Ħarsien tas-Siġar u l-Imsaġar tal-2011 (L.S. 549.64). Madanakollu, l-ERA ma tarax ġustifikazzjoni għalfejn dawn is-siġar għandhom jinżabru f'dak l-estent u f'dan iż-żmien tas-sena, fejn iż-żbir ma huwiex rakkomandat u għalhekk kwalunkwe żbir li jsir għandu jkun limitat.
Ġie deċiż li l-Kunsill jiżbor dawn is-siġar u jiġu zokk.

53.7.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Munxar Falcons FC fejn qed jinfurmaw li ser jorganizzaw Wine Festival fis-17 ta' Awwissu 2018 fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun, Ix-Xlendi. Ser ikun hemm *live entertainment* u diversi *stalls* iservu l-inbid. Il-Kunsill ġie mitlub jigwidahom fir-rigward tal-permessi meħtieġa għal din l-attività.
Il-Kunsill ser joħroġ il-permess għal din l-attività.

53.7.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) rigward 'Deputat Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali'. Il-Kunsill ġie infurmat li peress li l-estenzjoni tal-ħatra ta' 90 jum kienet b'effett mill-4 t'April 2018, u l-perjodu ta' 90 jum dalwaqt jiskadi, id-Dipartiment ser jerġa' jitlob l-approvazzjoni tal-Ministru biex tiġġedded din in-nominata ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsill ġie mitlub jinforma lid-Dipartiment jekk hemm tibdil fil-persuna nominata.
Il-Kunsill ser iżomm l-istess Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**53.8 Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* Jannar-Marzu 2018 (l-ewwel kwart)**

53.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Tliet Xhur) tal-ewwel kwart Jannar-Marzu tas-sena finanzjarja 2018.
Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**53.9 Proġetti li se jiġu ffinanzjati mid-Development Planning Fund**

53.9.1 Il-Kunsill ġie infurmat mill-Uffiċjal Inkarigat mill-Planning Authority's Development Planning Fund li għall-Munxar hemm allokata s-somma ta' €64,616. B'din is-somma, il-Kunsill għandu *commitment* sabiex isir xogħol ta' restawr fix-*shelter* li hemm fil-Pjazza tal-Knisja u sabiex l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill ikun aċċessibbli għal kulħadd.

**53.10 Approvazzjoni tal-Kalendarju ta' Attivitajiet għax-Xlendi 2018**

53.10.1 Il-Kalendarju ta' Attivitajiet fix-Xlendi jkopri x-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2018. Dan il-kalendarju jikkonsisti fi Fjakkolata u *shows* kull nhar ta' Sibt. Il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €4,000 mill-Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund* 2018-2020 (Ċirkulari Numru 9/2017 – It-Tieni Sejħa). Il-Ministeru għal Għawdex qed jintalab is-somma ta' €4,954. Il-preparamenti għal dan il-kalendarju qed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali.

**53.11 Proposta għall-permess ta' żvilupp PA2406/18**

53.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-applikant ippreżenta pjanti ġodda u kull min oġġezzjona ġie infurmat b'dan. Hija kkuntattjat lill-Avukat Dr Ian Stafrace b'xi informazzjoni iżda ma rċeviet xejn lura mingħandu. Is-Sur Damien Spiteri talab li l-Kunsill jibgħat lill-entitajiet u ministeri kkonċernati sabiex ninfurmawhom li l-Kunsill huwa kontra dan l-iżvilupp. Is-Sindku infurmatu li din l-ittra kellha ssir mill-Avukat Dr Ian Stafrace u s-Sur Paul Curmi kellu jagħtih l-istruzzjonijiet sabiex jagħmel dan.

**53.12 Fondi tal-EU għal restawr tat-Torri tax-Xlendi (ERDF.PA5.0120)**

53.12.1 Il-Kunsill qed jitlob lill-PPCD sabiex il-*Contracting, Implementation and Disbursement Schedule* tittawwal b'sitt xhur u l-proġett jiġi magħluq f'Diċembru 2020 u mhux Ġunju 2020. Il-Kunsill qed ukoll jikkontesta li jintefqu €158,895 sa Diċembru 2018 peress li din ma hijiex realistika u talab estenzjoni sa Marzu 2019.
Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta dwar dawn.

Il-proġett kollu ser jiswa €355,371.47 fejn €284,297.17 ser jitħallsu minn fondi tal-Unjoni Ewropea, €63,966.87 mill-Ko-finanzjament u €7,107.43 mill-fondi tal-Kunsill.

**53.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

53.13.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fil-25 ta' Ġunju 2018 fil-5.30 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson,* is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru u s-Sur Saviour Xiberras - Membru. Preżenti kien hemm ukoll is-Sa Sonja Abela - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* kienet assenti.

Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li diversi persuni avviċinawh u qed jilmentaw li l-moll li bħalissa qed jitranġa ser isir ftit iżgħar.
Huwa informa lill-Kumitat li ċerta partijiet tax-Xlendi qed jinkinsu sew filwaqt li partijiet oħra qed ikunu maħmuġin.

Bħala komunikazzjoni mis-Sindku ngħata rapport mis-Sindku hekk kif ingħata fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku infurmat illi kienu tlestew it-tiswijiet fuq il-ħsarat tal-moll, sar xogħol minn Transport Malta għal dawn it-tliet xhur u mbagħad f'Settembru 2018 isir moll ġdid.

L-ilmenti li jirrigwardaw Ix-Xlendi tressqu wkoll fil-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont dwar l-Attivitajiet Sajf 2018 hekk kif tah fil-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kumitat ġie infurmat mill-Uffiċjal Inkarigat mill-Planning Authority's Development Planning Fund li għax-Xlendi hemm allokata s-somma ta' €130,372. B'din is-somma, il-Kumitat ser jikkunsidra li jsir l-aċċess għat-Torri tax-Xlendi minħabba li dan ser jiġi restawrat minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Dwar dan qed ikun ippjanat li ssir laqgħa mal-Lands Authority. Il-Kumitat ser jikkonsidra li jagħmel il-*Cantilever* għaliex għal dan diġà kien hemm permess tal-Awtorità tal-Ippjanar u wasal sabiex jiġi mġedded, iżda l-Kumitat irid jistenna sabiex jiġi ppubblikat il-*Master Plan* għax-Xlendi.

Il-kwotazzjonijiet għal taħwil ta' siġar u fjuri fil-*pots* ġiet *awarded* lil Xerri's Garden Centre, Nursery and Landscape Designers. Il-kuntratt ġie ffirmat fit-18 ta' Ġunju 2018. Dritt wara sar ix-xogħol.

**53.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

53.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 53-2018(26_06_18) li tkopri l-perjodu mill-31 ta' Mejju 2018 sas-26 ta' Ġunju 2018 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kienet is-Sinjura Juliet Rose Attard – Viċi Sindku u s-Sekondat kien is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**53.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

53.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.17 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 31 ta' Lulju 2018 u fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 9 ta' Awwissu, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Sonja Abela<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |